MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2011

Appell Kriminali Numru. 308/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Reno Azzopardi**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-imsemmi Reno Azzopardi talli:

(a) fit-18 ta' Mejju 2008 għall-ħabta tal-17.05 fi Triq it-Tiġrija fil-Marsa, ikkommetta serq ta' armar u mediċini taż-żwiemel liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur li jeċċedi €232.94 iżda anqas minn €2329.38 għad-detriment ta' Paul D'Amato minn Ħal-Qormi;

(b) fl-istess data, ħin u ċirkostanzi, f'dawn il-Gżejjer, xjentement xtara jew laqa' għandu ħwejjeġ misruqa,

meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod ieħor li jkun indaħal biex ibigħhom jew imexxihom, liema oġġetti kienu ġejjin minn serq ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur;

(ċ) fl-istess jum, lok u ċirkostanzi kkawża ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' l-istess Paul D'Amato minn Ħal-Qormi u dan skond kif iċċertifika Dr Mark Rosso MD taċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Gunju 2010 li permezz taghha dik il-Qorti wara li rat l-artikoli 17(b), 262(a)(ċ), 262, 267, 284, 285, 334(a), 216(1)(b) tal-Kap 9 sabet lill-imputat mhux ħati ta' l-ewwel imputazzjoni kif dedotta iżda minflok sabitu ħati ta' serq sempliċi, reat li huwa kompriż u involut fl-ewwel imputazzjoni, ma haditx konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni għaliex din hija alternattiva għall-ewwel imptuazzjoni u sabet lill-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni kif dedotta u kkundannatu għal piena ta' erba' xhur priġunerija.

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Reno Azzopardi pprezentat fis-6 ta' Lulju 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fejn din ma haditx konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni, tvarja l-istess sentenza billi tilliberah mill-imputazzjoni ta' serq semplici liema reat huwa kompriz u nvolut taht l- ewwel imputazzjoni u tat-tielet imputazzjoni, u kwindi tilliberah minn kull imputazzjoni u htija u fin-nuqqas tvarja s-sentenza imposta billi timponi wahda aktar miti u idoneja fic-cirkosatanzi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi; (2) li l-piena hija fic-cirkostanzi eccessiva.

Dwar is-sejbien ta' htija ta' serq semplici l-appellant jghid fl-ewwel lok li l-unika prova li tressqet mill-prosekuzzjoni kienet il-verzjoni ta' Paul D'Amato li kellu tilwima pendenti ma' l-appellant. L-ewwel Qorti strahet fuq il-verzjoni tieghu li ra barmil gol-karozza ta' l-appellant li kienet mimlija b'affarijiet li ghandhom x'jaqsmu mal-kura taz-zwiemel. Skond l-appellant, din ix-xiehda wahedha minghajr korroborazzjoni mhijiex attendibbli u hija *unsafe*. Huwa jsaqsi xi skop seta' kellu li jiehu medicina taz-zwiemel meta ma kellu x'jaqsam xejn maz-zwiemel. Jghid li l-ewwel Qorti kkummentat li nstabu xi affarijiet appartenenti lil Paul D'Amato fil-pussess tieghu, izda dan ma jirrizultax u xejn ma huwa car kif l-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni. Kwindi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta applikat id-duttrina tal-pussess recenti.

Issa, dwar is-serq l-ewwel Qorti kkummentat hekk:

**"Ix-xhud ewlieni tal-prosekuzzjoni kien l-allegat derubat li qal li ra xi bramel li kienu tieghu stess (jigifieri ta' Paul Damato) fil-karozza tal-imputat u li dawn kienu mimlijin bl-affarijiet li kellhom x'jaqsmu mal-kura u l-mantenimet taz-zwiemel. Minkejja n-negazzjoni tal-imputat, il-Qorti ssib li x-xiehda li ta l-allegat derubat hija aktar attendibbli. L-imputat mhux biss instab fl-inhawi izda b'affarijiet tal-allegat derubat stess. Hawnhekk tghodd bla dubju ta' xejn id-doctrine of recent possession."**

L-ewwelnett ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar[1]. U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003: *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni*

---

[1] Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9.

*tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"*[2].

Issa, l-ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tara u tisma' x-xhieda u ghalhekk kellha l-opportunita` tqis "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda u "tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda" u "jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9).

L-ewwel Qorti qieset aktar attendibbli x-xiehda ta' Paul D'Amato. Huwa minnu illi hemm kontradizzjoni fix-xiehda ta' Paul D'Amato meta daqqa jghid li ra l-affarijiet fil-karozza ta' l-appellant mill-hgiega u daqqa li kellu fuq wara miftuh. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-kontradizzjoni hi apparenti biss peress illi hawn diversi karozzi (inkluzi tad-ditta Lada) illi ghandhom bieba ta' wara (*hatchback*) u li mill-hgiega tkun tista' tara l-bagoll. Inoltre huwa evidenti illi xi hin l-appellant fetah il-bieba ta' wara biex johrog is-serrieq. Ghalhekk l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment tqis lil Paul D'Amato kredibbli meta jghid li identifika oggetti li kienu tieghu fil-bagoll tal-karozza li kien biha l-appellant.

L-argument ta' l-appellant illi huwa ma kellux ghalfejn jiehu medicini taz-zwiemel meta hu m'ghandux x'jaqsam ma' zwiemel huwa argument fieragh. Min jisraq oggett ma jaghmlux dejjem ghall-uzu tieghu personali izda anke biex ikun jista' jbieghu jew ipartu.

L-ewwel Qorti mbaghad korrettement iddecidiet li ma ssibx htija ghall-kwalifiki ta' vjolenza u ta' valur izda ssib htija ghal serq semplici.

---

[2] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

Dwar is-sejbien ta’ htija tar-reat ta’ offiza ta’ natura gravi, l-appellant jghid li t-tabib koncernat baqa’ jinsisti li l-offizi kienu ta’ natura hafifa. Ir-ragunament ta’ l-ewwel Qorti kien fis-sens li l-isfregju m’hemmx ghalfejn ikun permanenti jew li jdum ghal xi zmien. Dan huwa forsi minnu, josserva l-appellant, pero` bl-ebda mod ma jfisser lanqas li kull gerha li ssofri persuna ghax tkun fuq l-id jew fil-wicc, tkun sfregju. F’dan il-kaz, skond it-tabib, il-griehi kienu *de minimis* u mhux gravi. Inoltre, jghid l-appellant, hemm griehi ohra li fin-natura taghhom ma jitqisux bhala sfregju, bhal ma huma xi haematoma. In effetti, jghid l-appellant, meta Paul D’Amato deher il-Qorti ma kellu xejn. L-appellant issottometta dan kollu minghajr pregudizzju ghall-fatt li huwa baqa’ jinnega li aggredixxa lil Paul D’Amato, u li x-xiehda ta’ dan ix-xhud mhijiex attendibbli.

It-tabib Dr. Mark Rosso li ezamina lil Paul D’Amato ddeskriva l-offizi li garrab Paul D’Amato bhala ta’ natura hafifa. Wahda minnhom kienet forma ta’ toqba zghira fuq in-naha ta’ barra ta’ l-ghajn tax-xellug u li xehed li ma ghandhiex ghalfejn thalli *scar*, u l-ohra kienet bicca gilda mtajjra fuq in-naha ta’ taht tas-saba’ tan-nofs ta’ l-id tal-lemin u li tista’ tibqa’ marka. L-appellant isostni li dawn l-offizi kellhom jitqiesu bhala offizi ta’ natura hafifa. L-ewwel Qorti qisithom bhala li jikkostitwixxu sfregju sew ghax il-ligi tghid hekk sew ghax m’hemmx bzonn li l-isfregju jdum.

Effettivament il-ligi taghna stess taghmel distinzjoni bejn sfregju li fil-prattika jissejjah “semplici” (artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta) u sfregju “gravi u permanenti” (artikolu 218(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta). U kif intqal fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta’ Frar 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Fortunato Sultana**:

**“Skond din id-disposizzjoni [l-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali] l-offiza fuq il-persuna hi gravi jekk, fost cirkostanzi ohra, iggib sfregju fil-wicc. Il-ligi ma tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari; sfregju fil-wicc (jew fil-ghonq jew f’wahda mill-idejn) anke ta’ ftit granet jibqa’ sfregju ghall-finijiet ta’ l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta’**

**l-isfregju hi rilevanti biss meta, abbinata mal-gravita`, taghti lok ghal hekk imsejha 'offiza gravissima' skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali."**

Issa, sfregju hija "kull hsara li tista' ssir **"fir-regolarita` tal-wicc, fl-armonija tal-lineament tal-wicc u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc"**[3]. F'dan il-kaz, Paul D'Amato sofra offiza forma ta' toqba fuq wiccu u li certament tellfet, *ancorche`* ghal zmien limitat, mill-armonija tal-lineament tal-wicc. Izda *dato ma non concesso* li ma kienx hemm it-telfien ta' tali armonija, Paul D'Amato kellu offiza ohra konsistenti f'bicca gilda mtajjra forma ta' U fuq is-saba' ta' l-id il-leminija. M'hemmx dubju li din l-offiza tellfet minn dik li hija r-regolarita` u l-armonija tal-lineament ta' l-id. Fic-cirkostanzi l-ewwel Qorti kienet gustifikata li ssib lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni.

Kwantu ghall-piena, l-appellant isostni li din kienet eccessiva. Issa, in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.[4]

Il-piena applikabbli ghal serq semplici hi ta' prigunerija ghal zmien minn xahar sa sitt xhur u fejn il-valur ma jkunx izjed minn tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) ghal prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur. Peress illi f'dan il-kaz ma giex stabbilit il-valur tar-refurtiva, il-piena applikabbli hi dik ta' l-ahhar, cioe` prigunerija ta' mhux izjed minn tliet xhur. Il-piena ghat-tielet imputazzjoni hi ta' prigunerija minn tliet xhur sa tliet snin. L-ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghal piena ta' erba' xhur prigunerija. Evidentement, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali, l-ewwel Qorti applikat il-piena minima ta' tliet xhur ghat-

---

[3] Ara Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Paul Spagnol**, 12 ta' Settembru 1996.

[4] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Carmelo Ebejer**, 4 ta' Novembru 2009; **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

tielet imputazzjoni u terz tal-piena massima ta' tliet xhur dwar l-ewwel imputazzjoni. Jigifieri m'hemmx dubju li l-piena hi fil-parametri tal-ligi u kwazi fil-minimu.

Din il-Qorti, wara li ezaminat il-fedina penali pjuttost refrattarja ta' l-appellant u tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, ma ssib l-ebda raguni biex tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif ezercitata f'dak li huwa l-*quantum* tal-piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------